# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2652

**Kaz Numru 3446/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Maurice Cassar (ID 270861M)**

**u**

**Juris Klavins**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta*

**Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

Nhar l-Erbgha 5 ta' Frar, 2020

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellant Maurice Cassar fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar it-2 ta' Frar, 2016, fejn sostna li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu ma kinitx wahda valida u ngusta *ai termini* tal-ligi. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni mill-impieg saret minhabba insubordinazzjoni u ghaliex minkejja twissijiet baqa' jippersisti b'nuqqasijiet fi dmirijietu.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm tnax-il seduta fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stabbilit mil-ligi, minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Maurice Cassar li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant fejn fil-bidu kellu l-assitenza ta' l-Avv. Geoffrey Vella u aktar tard ta' l-Avv. Alicia Camilleri.

Juris Klavins, li minn issa l-quddiem ser jiissejjah s-Socjeta' ntimata fil-bidu kien assistit mill-Avv. John Bonello u aktar tard mill Avv. Marycien Vassallo.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant kien impjegat *full-time* mas-Socjeta' Ntimata bhala *Labourer* u dan sa mit-12 ta' Mejju, 2009. Ix-xoghol li kienet taghmel il-kumpanija kien xoghol generali fil-kostruzzjoni bhal kisi, twahhil ta' madum u '*gypsum boards*'.

L-impjieg tal-Appellant kien gie mitmum fl-24 ta' Novembru, 2015, bir-raguni tkun dikjarata mis-Socjeta' ntimata bhala mizura ta' dixxiplina. Dan wara li skond l-istess Socjeta' ma kienx qieghed iwettaq id-dmirijiet tieghu kif imiss minkejja li kien gie mwissi diversi drabi.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Janis Sturans** xehed illi huwa ilu jahdem mas-Socjeta' ntimata 9 snin fil-kariga ta' *Foreman* u dan fuq diversi progetti bl-akbar wiehed ikun l-isptar Mater Dei fejn kienu *sub-contractors* ta' Mekkanika.
Ix-xhud qal li jaf lill-Appellant ghaliex kien kollega fuq ix-xoghol ghal madwar 8 snin. Huwa spjega li inizjalment l-Appellant kien ingaggat bhala *Skill Tradesman* izda wara ftit zmien minkejja li kien igorr it-*tag* ta' *Skill Tradesman* huwa kien beda jinghata xoghol ta' *helper* ghaliex ma kellux il-hiliet mehtiega biex jaghmel xoghol sewwa ta' *Tradesman,* bhal *plastering* estensiv u installar ta' bibien. Ix-xhud spjega li x-xoghol li kien jinghata kien ta' knis ta' art, tnewwil ta' materjal u xoghol zghir ta' *plastering*. Ix-xhud spjega li dwar it-tmiem tal-impjieg tieghu jaf li l-Appellant kellu bosta nuqqasijiet fil-kwalita tax-xoghol tieghu bhal kisi, tqeghid ta' madum, installar ta' hitan tal-*gypsum* u bibien u anke fid-dewmien li jlesti x-xoghol. Ix-xhud ta dettalji bhala ezempji ta' dawn in-nuqqasijiet u ta' fejn anke x-xoghol kellu jerga' jsir mill-gdid. Huwa qal li dwar dan kellhom rejazzjonijiet negattivi min-naha ta' Mekkanika. Ix-xhud qal li kien jghid lill-*boss* Juris Klavins, u li min-naha tieghu kien johrog *warnings* fil-konfront tal-Appellant. Ix-xhud qal li l-Appellant stess kien jghidlu li kien inghata *warning*. Ix-xhud qal li sa fejn jaf hu l-Appellant kien inghata tlett *written warnings* u fejn fl-ghoti ta' wiehed minnhom huwa kien prezenti.
Ix-xhud qal li qabel ma kienu jinhargu l-*warnings*, Juris Klavins kien ikellem lill-Appellant dwar nuqqasijiet u dan kien isir anke fil-presenza tieghu.

Ix-xhud tenna li l-Appellant kien qed iservi ta' ezempju hazin ghall-impjegati ohra godda ghaliex kienu jahdmu bhalu. Kompla li minkejja li kien jigbidlu

l-attenzjoni dwar dawn in-nuqqasijiet, l-agir tal-Appellant ma kienx jinbidel minkejja li kien jghid li ser jipprova jaghmel ahjar.
Ix-xhud stqarr li l-Appellant gieli gibidlu l-attenzjoni dwar il-fatt li xi drabi kien ikollu kollegi jahdmu mieghu li ma kienux jafu jitkellmu bl-ingliz. Ix-xhud cahad li kien ikun hemm drabi fejn l-Appellant kien jithalla wahdu fuq ix-xoghol ghaliex min kien ikun mieghu kienu jillargaw sabiex imorru jixorbu mieghu (max-xhud).
Ix-xhud qal li kien jaf li l-Appellant kellu problemi ta' sahha izda dawn il-problemi zvilluppaw wara li kien beda jinghata xoghol ta' *helper*.
Dwar l-andament tax-xoghol ix-xhud qal li huwa kien jirraporta kemm lil Juris Klavins u anke xi drabi lis-*Supervisor* ta' Mekkanika, jiddependi l-*issue* x'kienet. Ix-xhud ghalaq billi qal li fiz-zmien li kien ghadu mpjegat l-Appellant huwa kien l-uniku Malti jahdem maghhom.

**Bogdan Tomenchuck** xehed li huwa ilu jahdem ma' Klavins madwar 9 snin. Huwa qal li fil-bidu kien jaghmel xoghol ta' *supervision* sakemm gie mpjegat hu Klavins u wara beda jaghmel xoghol generali fil-kostruzzjoni bhal kisi, twahhil ta' madum u '*gypsum boards*'. Huwa qal li fil-bidu kien jahdem fl-isptar Mater Dei u wara f'diversi postijiet. Ix-xhud qal li lill-Apppellant jafu ghax kien jahdem mieghu f'Mater Dei, fejn dan kien it-tieni mpjegat u hu (ix-xhud) kien l-ewwel impjegat tal-kumpanija. Huwa qal li l-Appellant kien intrigat jaghmel l-istess xoghol bhalu.
Ix-xhud spjega li f'Mater Dei kienu jahdmu grupp ta' zewg impjegati. Huwa kompla li mall-Appellant hadem f'Mater Dei u ghal perjodu qasir f'postijiet ohra f'Marsaskala u fil-Fgura.
Ix-xhud qal li bhala xoghol per se qatt ma kellu problemi mall-Appellant pero' qal li kien jiskarta waqt il-hin tax-xoghol, bhal jixrob il-kafe' u jmur ikellem lill-familjari tieghu (l-mara u t-tifla) peress li dawn ukoll kienu jahdmu f'Mater Dei. Huwa stqarr li dan kien jafu ghaliex kien jahdem mieghu. F'dan il-kuntest ix-xhud qal li anke ommu ghamlet xi zmien tahdem Mater Dei bhala '*cleaner*' izda sahaq li kien jarahom meta kien jghaddi bix-xoghol mis-swali fejn kienet tkun tahdem.
Ix-xhud stqarr li hu gieli kellem lill-Appellant dwar dan u anke kien qal lil Klavins dwar din is-sitwazzjoni fejn wiehed jahdem u l-Appellant jiskarta. Ix-xhud qal li jaf li Klavins kien ikellem lill-Appellant u anke li tah l-ewwel '*warning*'. Dan kien jafu kemm ghaliex l-Appellant stess kien jitkellem mall-kollegi tieghu u dawn kienu jitkellmu bejniethom.
Ix-xhud tenna li meta l-Appellant kien inghata t-tieni *warning,* hu (l-Appellant) stess kien qallu li ghalih ma kinitx problema. Ix-xhud kompla li wara kien jaghmel perjodu qasir tajjeb, izda wara baqa' jaghmel l-istess.
Ix-xhud kompla li xi xahar wara Klavins kien qallu li lill-Appellant kien tah it-tieni '*warning*', u li lejn l-2016 waqt li kienu fuq xoghol f'Marsaskala l-Appellant ma kienx jaghti kaz tax-xoghol, joqghod bilqieghda ma jaghmel xejn u jqatta' l-

hin jixrob il-kafe'. Kompla li wara kellhom progett iehor il-Fgura fejn spjega li l-Appellant kien qed jaghmel xoghol fic-cumnija fejn suppost kellu jdum jaghmlu jumejn izda ha 7 ijiem u kagun ta' hekk kellu argument ma' Klavins u nghata t-tielet '*warning*'.

**Juris Klavins** beda billi qal li huwa d-Direttur tal-kumpanija u li l-Appellant kien ilu mpjegat mieghu madwar 7 snin fil-grad ta' *maintenance*. Huwa spjega li f'dak iz-zmien il-kumpanija tieghu kienet *sub-contracted* mill-kumpanija Mekkanika fuq xoghol ta' l-isptar Mater Dei.
Ix-xhud spjega li fuq dan il-lant kellu 15 il-impjegat fosthom l-Appellant u peress li kienu *sub-contracted* mall-Mekanika, il-*foremen* taghha kienu jaghmlu supervizjoni fuq ix-xoghol li kienu jaghmlu l-impjegati tieghu.
Ix-xhud qal li ma' l-andament taz-zmien l-Appellant beda jillaxka fix-xoghol tieghu u jiehu attitudni li qisu hadd ma jista' jiddixxiplinah. Izda kompla x-xhud meta bdew gejjin l-ilmenti dwaru minn Mekkanika fis-sens li jiskarta u hadd ma jkun jaf fejn qiegħed. Ix-xhud qal li dwar dawn l-ilmenti min-naha ta' Mekkanika kien ikellem lill-Appellant u kien itih direzzjoni li jekk ikun ser iwarrab minn fuq il-lant tax-xoghol jghid lil siehbu fejn ikun mar, sabiex ikunu jistghu isibuh malajr. Huwa qal li dwar dan kien kellem lill-Appellant darbtejn.
Ix-xhud kompla li l-andament tax-xoghol zdied u l-problemi ta' prestazzjoni lavorattiva zdiedu ukoll. Dan ghaliex kompla x-xhud, kien hemm xoghol ta' certu portata u xoghol ehfef, fejn huwa ntriga '*special team*' sabiex iwettaq xoghol li kien jirrekjedi strapazz, heffa u *night shifts,* mentri lill-Appellant intrigah fuq *shift* hafif, b'xoghol ta' ftit zebgha u tikhil. Izda, tenna x-xhud, min-naha tal-Appellant ix-xoghol baqa' ma jsirx sew, b'attitudni ta' kollox jghaddi u jew xi hadd iehor jirrangah wara. F'dan ix-xenarju x-xhud qal li kien rega' kellem lill-Appellant ghaliex baqa' jircievi aktar ilmenti, u fejn wissieh li jekk mhux ser jirranga l-prestazzjoni tieghu kien ser jaghtih '*written warnings'*, kif fil-fatt ghamel. Ix-xhud qal li kull meta tah *written warning*, l-Appellant qatt ma' oggezzjona u ffirmahom. Ix-xhud qal li bejn dawn it-twissijiet bil-miktub, il-prestazzjoni tal-Appellant kienet titjieb ghal xi gimgha gimghatejn.
Ix-xhud qal li l-ilmenti min-naha ta' Mekkanika komplew jizdiedu u sostna li ma kellux triq ohra ghajr li jnehhi lill-Appellant minn fuq ix-xoghol ta' Mater Dei u jpoggih fuq progett iehor bhal xoghol gewwa *flats*, hwienet u ntrigi ohra li l-kumpanija kellha.
Ix-xhud qal li kien poggieh fuq xoghol f'hanut fil-Fgura, fejn anke hawn huwa kien irrifjuta li jaghmel xi xoghol ta' garr ta' madum ghaliex qal li sahhtu ma kinitx ittih. Ix-xhud qal li peress li l-Appellant ma riedx jaghmlu, tali xoghol kellu jaghmlu hu (x-xhud).
Ix-xhud qal li f'din ic-cirkostanza kien tah it-tielet *warning* u temmlu l-impjieg. Ix-xhud qal li dan sar waqt li l-Appellant kien qed jghidlu li ma setax ikeccieh ghaliex huwa kien bniedem marid u li dan kien kontra l-ligi. Ix-xhud qal li kien

jaf li xi sena u nofs qabel intemm l-impjieg ta' Cassar, dan kien tah attakk tal-qalb waqt li kien xoghol gewwa Mater Dei stess tant li kien ittiehed l-emergenza. Ix-xhud qal li meta l-Appellant kien fuq il-lant gewwa Mater Dei huwa kien jghid li jixtieq li minflok ma' *sub-contractor* ikun impjegat direttament ma' Mekkanika. Tant, kompla x-xhud li wara li spicca minn maghhom kien qabad jahdem ma' Mekkanika izda wara ftit zmien anke dawn temmulu l-impjieg.
Ix-xhud tenna li lill-Appellant qatt ma kien jintrigah b'xoghol ta' certu strapazz, anzi kien jaghzlu sabiex jaghmel xoghol hafif. Ix-xhud qal li fil-bidu Cassar kien l-uniku mpjegat Malti mieghu, izda wara kien hemm tnejn.
Ix-xhud tenna li Cassar flimkien mall-impjegati l-ohra kienu jgawdu mill-kundizzjonijiet bazici ta' xoghol bhal *leave, sick leave, bonus,* u hlas ta' sahra. Huwa tenna li ma kienx veru li Cassar beda jircievi l-*warnings* wara li huwa kien tkellem ma' mpjegati ohra dwar dawn id-drittijiet.

**Andrew Zahra** xehed li huwa *accountant* u amministratur mas-Socjeta' ntimata. Huwa qal li jaf lill-Appellant bhala mpjegat tal-kumpanija u kien jitkellem mieghu b'mod telefoniku kull meta kien ikollu xi problema, generalment fuq taxxa. Ix-xhud ghamel referenza ghal twissijiet li kienu jinghataw lill-Appellant. Ix-xhud qal li t-temm tal-impjieg sehh perjodu wara li l-Appellant kien inghata t-tielet *written warning* u dan ghaliex is-sitwazzjoni kienet baqghet ma tjiebitx. Huwa qal li fit-twissijiet l-Appellant kien ikun mgharraf li jekk il-prestazzjoni tieghu ma titjiebx setghet twassal ghal tkeccija.

**Marcelle Cassar,** il-mara tal-Appellant xehdet permezz ta' Affidavit. Hija qalet li kienet tahdem f'MDH bhala *Part-time Carer*. Hija qalet li minkejja li hi u zewgha kienu jahdmu MDH ftit li xejn kienu jiltaqghu ghajr f'xi drabi fejn kienet tkun qieghda iggor xi pazjent fejn allura kienu jitkellmu ftit.
Ix-xhud qalet li tiftakar li ftit qabel ma' zewgha gie mkecci mix-xoghol, huwa kien qalilha li Juris kien qabad mieghu u hu (zewgha) kien hadha ferm bi kbira li kien inqala' minn MDH u bdew ihaddmuh f'posijiet differenti. Ix-xhud kompliet li zewgha kien hadha bi kbira ukoll ghaliex xi haddiem kien ghamel rapport lid-DIER u Juris beda jwahhal fih. Hija qalet li zewgha kien inkwetat ukoll ghaliex beda jinghata tip ta' xoghol li seta' jaffetwalu sahhtu peress li kellu problemi f'qalbu. Fil-waqt li x-xhud ikkonfermat li dak li semmiet fir-rigward ta' episodji rigwardanti ghall-impjieg ta' zewgha tafhom ghaliex kien qalomlha hu u mhux ghaliex tkellmet ma' Juris Klavins. Hija kkonfermat li fil-waqt li zewgha kien jahdem ma' Klavins huwa kien jahdem ukoll ma' Elia Caterers. Hija sostniet li ma kinitx taf ghaliex l-ghada li zewgha kien spicca minn ma' Klavins kien waqaf ukoll minn ma' Elia Caterers.

**Maurice Cassar** xehed permezz ta' Affidavit. Huwa qal li kien beda jahdem ma' Juris Klavins fl-2009 u dan fil-grad ta' *Handyman* fuq xoghol ta' manutenzjoni, izda kien ukoll iqabbdu jaghmel xoghol li ma kienx fis-sengha tieghu, pero' kien

jaghmel hiltu kollha biex jaghmlu fejn xi drabi kien jistaqsi lil hu Juris, Janis, u dan kien jghidlu sabiex ihalli dak ix-xoghol sabiex jaghmlu hu (Janis).
Ix-xhud qal li fil-bidu x-xoghol kien jaghmlu fl-isptar Mater Dei, fejn kienu jahdmu fuq sistema ta' par, fejn fil-bidu il-*partner* tieghu kien Bogdan li kien jaf kemm jitkellem kemm bl-Ingliz u anke bil-Malti. Aktar tard kellu *partners* ohrajn li ma kienux jafu jitkellmu bl-ingliz, fosthom Ollie li kien Serb. Tant li meta tah l-ewwel attakk tal-qalb, u dan fuq il-lant tax-xoghol, il-*partner* li kellu mieghu ma setax jifmhu u mn'Alla kien qed jahdem fl-emergenza stess ghaliex inzerta kien hemm ragel li kien gablu *nurse*.
Ix-xhud qal li minkejja l-problemi kollha li kellu f'sahhtu, huwa xorta baqa' jaghmel ix-xoghol anke jekk xi drabi kien ibati.
Huwa qal li fost shabu tax-xoghol kien hemm xi whud li kienu jifhmu ftit bl-ingliz fejn gieli kien jitkellem maghhom dwar paga u dwar xoghol nhar ta' Sibt. Ix-xhud tenna li huwa ma kienx jidhol is-Sibtijiet jew sahra ohra ghaliex Juris kien ried ihallsu bis-siegha siegha, izda shabu kienu jghidulu li huma kienu kostretti jidhlu bil-fors anke jekk kienu jithallsu bis-siegha siegha, dan ghaliex jekk ma jidhlux Juris kien ikeccihom. Ix-xhud qal li fost shabu huwa kien l-uniku Malti li kien jahdem Mater Dei. Ix-xhud stqarr li kien jilmenta ma' Juris ghaliex l-anqas kien jaghtih iz-zieda tal-gholi tal-hajja li kien johrog il-Gvern u meta kien jitkellem dwar dan ma' shabu, Juris beda jarah ta' xkiel. Ix-xhud qal li minhabba f'hekk Juris kien beda jaghmel minn kollox sabiex ikeccieh. Huwa jghid li sa dak iz-zmien qatt hadd ma qatt ilmenta mieghu dwar il-kwalita tax-xoghol li kien jaghmel.
Fiz-zmien li kien inhargulu zewg *warnings*, kienu gew xi persuni mid-*DIER* jistqasu fuq kundizzjonijiet tax-xoghol. Ix-xhud qal li huwa jahseb li kien hemm xi haddiem minn fosthom li kien ilmenta mad-*DIER*. Ix-xhud qal li Juris beda jwahhal fih.
Ix-xhud kompla li sabiex Juris jaqtalu qalbu sabiex jirrizenja, peress li kien l-uniku Malti, kien baghtu jahdem il-Fgura u postijiet ohra jahdem xi madum u tbaqqin minkejja li huwa ma kellux dik is-sengha u l-anqas kien jinghata ghodda necessarja. Huwa tenna li dan kien kollu xoghol ta' strapazz ghalih fil-kuntest ta' l-istat ta' sahhtu. Huwa sahaq li kien ikun ghalhekk li kien ikollu jieqaf jistrieh. U propju kien ghalhekk tenna x-xhud li kien inghata *warning* ghaliex Juris kien ippretenda li xoghol ta' tbaqqin li kien inghata kellu jlestih f'jumejn. Ix-xhud qal li l-ewwel darba li kien irrifjuta li jaghmel xoghol kien meta kien imgieghel igorr kaxxi tal-madum wahdu, u dan minkejja li Juris kien jaf bil-problemi ta' sahha li huwa kellu.
Dwar dan ix-xhud qal li kien biss wara li kien cempel lil Juris li kien inghata l-ghajnuna sabiex jingarr il-madum. Ix-xhud qal li kien propju dan l-episodju fejn kien inghata l-ahhar *warning* u tkecca.
Fir-rigward ta' xoghol fil-Fgura, f'Wied il-Ghajn u f'Tas-Sliema x-xhud stqarr li xoghol ta' madum kien biss fil-Fgura u fiz-zewg postijiet l-ohra f'tas-Sliema kien

ghamel xoghol ta' tibjid u twahhil ta' *skirting* u Wied il-Ghajn kien intbghat ma' Bogdan jaghmel l-ilma.
Ix-xhud qal li wara li kien tkecca kien ghamel sitt xhur jirregistra ghax-xoghol, fejn wara kien qabad jahdem direttament ma' Mekkanika u dan gewwa MHD stess. Huwa qal li hadem maghhom ghal perjodu ta' kuntratt wiehed ta' sitt xhur. Huwa tenna li dejjem kien jahdem bl-ahjar hiliet tieghu anke fejn ma kienx tas-sengha. Tant, kompla x-xhud li darba minnhom Charles Falzon kien baghat *e-mail* ifahharlu xogholu ma' Noel Psaila. Meta kontro-ezaminat, fir-rigward ta' din l-ittra qal li ma kienx jaf li ismu ma kienx indikat fiha.
Ix-xhud cahad li waqt il-hin tax-xoghol kien imur hdejn il-mara tieghu, li wkoll kienet tahdem gewwa MDH. Huwa sostna li kien tkecca ingustament.

**Sandra Gatt** (Direttur *DIER*), bdiet ix-xhieda taghha billi qalet li qabel l-2015 id-Dipartiment kellhom zewg kazi fir-rigward ta' Juris Klavins, fejn f'wiehed minnhom ghamlu nvestigazzjoni wara rapport, dan kien f'Settembru 2015. Hija spjegat li f'din l-investigazzjoni hadu sehem zewg Ufficjali tad-Dipartiment. Dan il-kaz infetah wara li kienet dahlet '*complaint*' dwar *employment conditions* li kienu jahdmu ma' Juris Klavins bhala *sub-contractor* ta' Mekkanika Ltd., fuq xoghol gewwa MDH. Hija spjegat li f'din l-investigazzjoni gew intervistati numru ta' mpjegati li kienu kemm Maltin u anke barranin. Ix-xhud kompliet li nstabu xi rregolaritajiet dwar dettalji li suppost kienu jidhlu fil-*payslips.*
Ix-xhud kompliet li fost ilmenti minn xi whud, kien hemm li tas-sahra maghmula kienu jithallsu bis-siegha siegha, u li ma kellhomx kuntratt tax-xoghol.
Ix-xhud tenniet li f'Novembru s-*Sen.Manager* li kellha x'taqsam ma' dan il-kaz, kienet taghta *resume'* tal-kaz fejn qaltilha li n-nuqqasijiet gew indirizzati mill-*Employer*. Ix-xhud stqarret li l-*complaint* ma kienx sa mill-Appellant izda min xi persuna ohra f'ismu.

**Joseph Saliba** bhala Ufficcjal ta' Jobsplus, ipprezenta lista tal-impjegati ta' Juris Klavins u dan minn 1/1/2009 sal-31/12/2015. Huwa ipprezenta wkoll l-*Employment History* tal-Appellant.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Avv. Marycien Vassallo** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata bdiet billi qalet li t-terminazzjoni tal-impjieg ma kinitx wahda instantanja izda sehhet wara li fuq medda ta' snin kienu nhargu tlett twissijiet bil-miktub flimkien ma' numru ta' twissijiet verbali. Hija qalet li tali twissijiet kienu dejjem dwar nuqqas ta' prestazzjoni min-naha tal-Appellant.

Nuqqasijiet kompliet Dr. Vassallo li gew konfermati minn bosta xhieda u li kienu jinkludu illargar minn fuq il-lant tax-xoghol minghajr ma javza lil hadd u rifjutar li jaghmel xoghol bl-iskuza ta' sahhtu.
F'dan il-kuntest Dr. Vassallo tenniet li l-Appellant kien jinghata xoghol hafif komparat ma' shabu u li principalment kien jikkonsisti fi tkahhil. Hija qalet li anke fir-rigward ta' dan ix-xoghol kien hemm nuqqas ta' prestazzjoni, u ghalhekk inhargulu *warnings* li ma kkontestax. Dr. Vassallo stqarret li l-kuntrattur li ghalih kien isir ix-xoghol mis-Socjeta' ntimata kien talab li l-impjieg tal-Appellant jigi mitmum.
Dwar l-allegazzjoni min-naha tal-Appellant li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu sehhet kagun ta' investigazzjoni li kienet hemm min-naha tad-*DIER* fejn gew riskontrati xi rregolaritajiet minimi, Dr. Vassallo qalet li tali allegazzjoni qed tigi michuda tant li l-ewwel *warning* kontra l-Appellant hareg fl-2014.
Dr. Vassallo qalet li n-nuqqas ta' kredibilita ta' l-Appellant giet innotata meta fil-waqt li bil-gurament stqarr li qatt ma ghamel ilment mad-*DIER*, id-Direttur ta' l-istess Dipartiment xehdet li kienet terza persuna ghan-nom tal-Appellant li kienet ressqet l-ilment. Hija kompliet li fil-waqt li l-Appellant kien jilmenta li certu xoghol li kien jinghata ma kienx jista' jaghmlu minhabba sahhtu mill-*Employment History* johrog li wara huwa kien mar jahdem ma' Star Fires bhala *construction worker.*
Dr. Vasallo temmet billi qalet li l-Appellant qieghed jipprova jakkwista kumpens li ma jisthoqqlux fid-dawl tan-nuqqas ta' prestazzjoni waqt l-impjieg tieghu u ghaldaqstant m'ghandux ikun ikkompensat.

**Avv. Alicia Camilleri** ghan-nom tal-Appellant bdiet billi qalet li minkejja li Juris Klavins qal li l-Appellant kien impjegat bhala *Maintenance* Mater Dei u Janis Sturans qal l-irwol ta' l-Appellant kien bhala '*helper'*, meta beda jispjega xoghol li skond hu ma sarx skond is-sengha dan beda jsemmi xoghol ta' *plastering* u *tile laying*. Hija sostniet li l-irwol propju tieghu kienet dik ta' *handyman*, fejn allura mhux talli ma kellhux is-sengha li jaghmlu u fejn sahansidra kien qed ikun pretendut li jaghmel xoghol ta' tqandil.
Dwar il-*warnings* li jinghad li nghataw lill-Appellant, l-Avv. Camilleri apparti li qalet li l-ahhar *warning* inghata propju fl-istess data tat-tkeccijja, fejn allura din kienet twissija jew tkeccija.

Dwar dawn it-twissijiet, l-Avv. Camilleri staqsiet jekk dawn it-twissijiet inghatawx minhabba lmenti min-naha ta' Mekkanika (skond kif xehed Juris Klavins), kif qatt ma ngiebet prova li fil-fatt kien hekk u dan fid-dawl tal-fatt li wara li l-Appellant kien intemmlu l-impjieg ma' Klavins kienu propju Mekkanika li mpjegaw lill-istess Appellant maghhom.

- **Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Il-kompitu ta' dan it-Tribunal kien li jiddeciedi jekk it-terminazzjoni mill-impjieg tal-Appellant kinitx ghal raguni tajba u bizzejjed skond il-ligi. Dan ghamlu billi analizza l-fatti u xtarr bir-reqqa dovuta l-argumenti kollha mqajjma matul dan il-process, u dan kif gew sponuti mix-xhieda prodotta mill-partijiet.

Minn tali analizi jidher li illi l-esperjenza lavorattiva li tinkwadra dan il-kaz u li kienet bejn Mejju 2009 u Novembru 2015 cjoe' madwar sitt snin u nofs, kellha l-ewwel snin taghha minghajr problemi sinifikanti sakemm f'Jannar 2014, l-Appellant ircieva notifika ufficcjali illi minkejja d-diversi komunikazzjonijiet verbali sabiex ikun hemm titjieb fil-prattici u l-efficjenza f'xogholu, il-prestazzjoni tieghu baqghet wahda mhux sodisfacenti. F'din in-notifika l-Appellant kien infurmat illi kagun ta' din is-sitwazzjoni huwa kien ser jibda jinghata twissijiet formali li eventwalment kienu ser iwasslu ghal tkeccija.

Fi Frar 2014 l-Appellant inghata l-ewwel *warning*, segwit minn iehor14 il-xahar wara u cjoe' fil-11 ta' Novembru, 2015. Iz-zewg *warnings* kienu jindikaw '*underperformance*'. Tlettax il-gurnata wara fl-24 ta' Novembru, 2015, l-Appellant inghata t-tielet *warning* li kien jindika '*failed to fulfill the appointed assignment*' u fl-istess jum gie mitmum l-impjieg tieghu. Ir-raguni tat-terminazzjoni tal-impjieg ittrattat f'dan il-kaz giet registrata mall-Jobsplus bhala '*Dismissed: Disciplinary Reasons*'.

L-Appellant kien gie ngaggat mas-Socjeta' ntimata bhala *Labourer* kif hemm indikat kemm *fl-Employment History* tieghu tal-JobsPlus u fejn anke fid-dokument (riferut bhala kuntratt tax-xoghol) ipprezentat bhala AC1, l-ingagg gie registrat ukoll bhala *Labourer.*

Janis Sturans *Foreman* mas-Socjeta ntimata xehed '*…on his tag there was written skill tradesman, but he was not capable to do the skill tradesman job, so he was doing helpers job*' u jkompli li bhala xoghol kien jaghtih '*… sweeping floors, bringing material*' u dan ghaliex fir-rigward ta' '*plastering of walls, installing doors'*, Sturans jghid '*…the issues was quality of job, and time of procedure of the job, which he has failed a lot of times…*', '*… No, those he failed in these jobs, that's why I was not giving them to him'*.
Mill-analizi tax-xhieda ta' Juris Klavins Direttur tas-Socjeta' ntimata, wiehed malajr jittendi li huwa ma kienx kuntent bil-hiliet tal-Appellant tant li fix-xhieda tieghu jghid illi, '*….you are a waste of time for me because I have to do this job instead of you. I mean, I do not need a worker, if I pay him…', ' I am not happy with the service you give me.*'
Minn l-istess analizi ta' dan il-kaz jidher b'mod car li l-aspettattivi ta' min impjega lill-Appellant kienu ferm oghla mill-hiliet li fil-fatt kellu l-Appellant.

F'dan il-kaz ittrattat u mill-fatti kif gew esposti f'dan il-process ma giex indikat li ghall-ewwel erba' snin tal-impjieg il-prestazzjoni ma kinitx accettabbli. Kien

f'Jannar 2014 li t-twettiq tad-doveri min-naha tal-Appellant kienu bdew jigu meqjusa li jehtiegu li jkun hemm titjieb fil-prattici u l-efficjenza, u li 'prestazzjoni nferjuri' kienet ser tkun sanzjonata bi twissijiet formali li jwasslu ghal tkeccija.

Mid-dokumenti esebiti u mix-xhieda f'dan il-process ma gewx indikati dettalji tal-prattici tax-xoghol u l-livell tal-efficcenza accettabbli li kien gie mgharraf bihom l-Appellant appena kien gie ngaggat fl-impjieg tieghu. Jidher car pero' li dak li ma kienx oggezzjonabbli ghal aktar min erba' snin ma kienx ser jibqa' accettabbli aktar. Anzi kien ser iwassal ghal tkeccija.

Matul il-process ma giex indikat lanqas li wara n-notifika ta' Jannar 2014, l-Appellant inghata xi tahrig specifiku sabiex il-hiliet tieghu u l-efficjenza titjieb u dan specifikament sabiex ikun zgurat li min-naha tal-*employer* tah kull cans sabiex il-hidma lavorattiva tieghu ma tibqax klassifikata bhala prestazzjoni inferjuri (*underperformance*).

Dan qed jinghad fid-dawl tal-ammonizzjoni li l-Appellant inghata f'Jannar 2014 minn Juris Klavins li '*start giving you formal warnings in writing as to your underperformance….. will be eventually lead to your eventual dismissal*' u '*improvement from your end will leave me with no alternative but to proceed as stated above*'.

U propju huwa f'dan l-ambitu li dan it-Tribunal irid jiddeciedi jekk ikunx gust illi mpjegat jigi 'dixxiplinat' ghaliex huwa ma jkunx wettaq doveri assenjati lilu ghas-sodisfazzjon tal-*employer* galadarba ma jkollux il-hiliet necessarji li jwettaqhom.

It-Tribunal jistaqsi, x'tort ghandu haddiem li jigi moghti doveri li ma jkollux il-hiliet mehtiega li jwettaqhom u sussegwentament ma jwettaqhomx tajjeb, meta min ihaddmu qatt ma jkun tah it-tahrig necessarju?

Li *employer* itemm impjieg ta' haddiem waqt il-*probation period* ghaliex minkejja li jkun intghazel ma jkunx issodisfa l-aspettattiva ta' min ihaddmu mhux biss tinftiehem izda hija permissibbli fil-parametri tal-ligi. Pero' dan l-argument ma jkunx gust illi jintuza wara snin li haddiem ikun ilu mpjegat u di piu' matul dawn is-snin ma jkunx gie provdut it-tahrig necessarju sabiex jigu ndirizzati l-hiliet mankanti.

F'dan il-kaz ittrattat l-Appellant kien gie mpjegat bhala *Labourer* fejn ma kellu l-ebda kwalifika la li jkun *tile-layer* u l-anqas *plasterer*. Jidher li meta gie ngaggat l-Appellant saret ghazla mhux tajba. Culpa in eligendo.

Dan it-Tribunal ma giex konvint li f'dan il-kaz ittrattat il-livell ta' prestazzjoni mistenni mill-*Employer* ma giex milhuq mill-Appellant b'xi ntenzjoni malinna jew b'mod frivolu u fejn allura seta' jkun klassifikat bhala att ta' negligenza grossolana li wasslet ghat-tkeccija bhala dixxiplina.

- **Decizjoni**

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gew esposti f'dan il-process, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellanti ma kinitx wahda gusta.

F'dan il-kuntest it-Tribunal jiffissa kumpens dovut lill-Appellanti fis-somma ta' €4,070. Liema ammont irid jithallas mis-Socjeta' ntimata fi zmien erba' gimghat minn din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**